29 ta' Novembru, 1947

Imħallef :

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Stella Corrado *versus* Lucrezio Mizzi et.

**Likwidazzjoni — Testment — Kollazzjoni.**

*Tant fil-kollazzjoni tal-liberalitajiet kemm f'dik tad-djun, il-bażi ġuridika hija l-iskop ta' ugwaljanza bejn il-werrieta, poġġuta fuq il-preżunta volontà tad-decujus; u, salvi xi differenzi, tant il-kollazzjoni tal-liberalitajiet kemm dik tad-debiti, huma governati mill-istess prinċipji.*

*Dottrinalment huwa prinċipju li t-testment huwa indiviżibili; b'mod li in teżi ġenerali jista' jingħad li, darba li tiġi rikonoxxuta l-effikaċja ta' parti mit-testment, f'dak ir-rikonoxximent hemm l-obligu ta' l-adempiment tat-testment intier. Imma tibqa' l-kwistjoni mħollija lill-ġudikant jekk kienx hemm akkwijexxenza pożitiva għat-testment. U fil-każ ta' dubju, l-akkwijexxenza għandha tiġi eskluża.*

Il-Qorti — Rat it-talba ta' l-attriċi, li wara li ppremettiet li, billi l-imsemmi Carlo Mizzi miet fl-14 ta' Lulju 1934 (dok. A) u l-imsemmija Filomena Mizzi mietet fil-25 ta' Novembru 1935 (dok. B), b'testment "unica charta" fl-attijiet tan-Nutar Enrico Saydon tad-29 ta' Mejju 1933 (dok. C), illi bih innominaw bħala werrieta tagħhom lill-kontendenti wliedhom f'porzjonijiet ugwali; wara li jkunu premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti opportuni, talbet (1) li tiġi likwidata l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn l-imsemmijin Carlo u Filomena Mizzi, u tiġi maqsuma f'żewġ porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati lill-assi partikulari rispettiv ta' l-imsemmijin miżżewġin; (2) jiġi likwidat l-assi partikulari rispettiv ta' l-imsemmijin miżżewġin Mizzi, u diviż kull assi f'seba' porzjonijiet ugwali, illi jiġu assenjati waħda lil kull wieħed mill-kontendenti; (3) jiġi nominat nutar biex jippublika l-att tad-diviżjoni fil-ġurnata, ħin u lok, determinati mill-Qorti, u kuraturi biex jirrappreżentaw il-kontumaċi. Bl-ispejjeż, flimkien

ma' dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-30 ta' Ġunju 1936, għall-konvenuti;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Mill-provi jriżulta illi l-kontendenti huma tfal u dixxendenti tal-miżżewġin Carlo u Filomena Mizzi, li rispettivament mietu fl-14 ta' Lulju 1934 u 25 ta' Novembru 1935, b'testment "unica charta" magħmul għand in-Nutar Enrico Saydon fid-29 ta' Mejju 1933. F'dan it-testment iż-żewġ decujus, wara li għamlu xi dispożizzjonijiet........... Fl-istess artikolu 6, u wara dan li ntqal fuq, hemm inniżżel :— "Inoltre gli stessi contestatori, pei fini della collazione od imputazione da farsi da Grazio, Francesco e Michele Angelo, dichiarano di avere somministrato a Grazio e Francesco lire sterline cento per ciascuno, ed a Michelangelo lire sterline sessanta, che essi sono obbligati di imputare acconto ed a saldo della loro rispettiva quota ereditaria"; u aktar l-isfel, dejjem fl-istess artikolu, f'paragrafu ġdid :— "Per ogni buon fine essi contestatori dichiarano che gli char-a-banes posseduti da Grazio e Francesco fratelli Mizzi sono di loro esclusiva proprietà"...........;

*Omissis;*

Illi l-kwistjoni prinċipali li ġiet sollevata f'dina l-likwidazzjoni u diviżjoni, hija dik sollevata mill-konvenuti Lucrezio sive Grazio u Francesco aħwa Mizzi, u li titnissel mill-art. sitta tat-testment insemmi, u li ġiet fuq ċitata testwalment, fejn Carlo u Filomena miżżewġin Mizzi, wara l-istituzzjoni ta' eredi u affarijiet oħra, ordnaw lil fuq insemmija wliedhom l-imputazzjoni ta' £100 kull wieħed fil-kwota ereditarja tagħhom għal somma ugwali lilhom rispettivament somministrata;

Illi l-perit legali, mill-eżami tax-xhieda ppropenda għallkonklużjoni li tant wieħed kemm l-ieħor mill-aħwa Mizzi insemmija kellhom jiġu ritenuti debituri tar-rispettiva somma ndikata...........;

Illi wara l-ftuħ u publikazzjoni tar-relazzjoni peritali lkonvenut Lucrezio Mizzi reġa' xehed sabiex jeskludi d-debitu tiegħu, u bin-nota tiegħu tal-10 ta' Mejju 1946—apparti kwistjonijiet oħra minnu sollevati u li jferixxu l-meritu tal-kwistjoni—eċċepixxa anki l-preskrizzjoni kwinkwennali;

Illi kwindi, għalkemm fil-konfront *taż-żewġt* aħwa Lucrezio u Francesco Mizzi l-kwistjoni sollevata hija identika għall-istudju tagħha, il-provi ma jistgħux jiġu akkomunati, għar-raġuni illi l-fatti in difiża opposti mir-rispettivi konvenuti huma sa ċertu pont diversi, u almenu "prima facie" issaħħa probatorja tagħhom hija wkoll differenti; b'mod li, filħsieb ta' dina l-Qorti, irid ikun hemm għat-trattazzjoni filmeritu tal-kwistjoni eżami divers fil-konfronti tal-wieħed u l-ieħor;

Tikkunsidra;

Illi in tema tal-prinċipji legali li jistgħu jgħinu għas-soluzzjoni tal-kwistjoni in diżamina, preliminarment jingħad illi:— (1) Tant fil-kollazzjoni tal-liberalitajiet kemm f'dik tad-djun (debiti), għalkemm it-terminu "kollazzjoni" xjentifikament huwa improprjament applikat għalihom, imma neċessarjament adottat rigward il-konċett u l-applikabilità tarregoli speċjali li jreġġuhom, il-bażi ġuridika tagħhom hija fliskop ta' l-ugwaljanza bejn il-werrieta, poġġuta fuq il-preżunta volontà tad-decujus; (2) Skond il-liġi tagħna, il-konferiment tad-djun (debiti) huwa governat—salvi d-differenzi relativi għall-artikoli 619 u 633 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, il-lum art. 957 u 971 Kap. 23 Kodiċi Ċivili Edizzjoni Riveduta)—taħt kwalunkwe rapport ieħor tagħhom, mill-istess prinċipji li jiggovernaw il-kollazzjonijiet veri u proprji tal-liberalitajiet (ara argument mill-art. 613 ta' l-Ord. VII ta' l-1868, il-lum artikolu 951 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23, Edizzjoni Riveduta); (3) Bħala konsegwenza ta' dan li ntqal fin-numru (2) fuq imsemmi, għalkemm apparentement jista' ma jidherx hekk, il-kollazzjoni hija fondata fuq il-prinċipji ġenerali tad-Dritt, u fir-rapport bejn il-koeredi l-kollazzjoni tad-djun (debiti) ma toffendix il-liġi tal-kuntratti; (4) In omaġġ għall-ekwità, id-dritt tal-kollazzjoni huwa dritt ġdid li l-istess liġi tagħti direttament lill-eredi, bħala li huwa mlibbes b'din il-libsa. L-oġġetti li tintalab il-kollazzjoni tagħhom jaqgħu taħt dritt ta' komproprjetà, u min jitlob il-kollazzjoni mhux kreditur, iżda komproprjetarju jew kondividenti; u billi d-diviżjoni hija ta' indoli dikjarativa, u mhux attributiva, ta' proprjetà, dak li jkun ġà prelevat huwa reputat bħala li qatt ma kien jappartjeni lill-werriet debitur;

Tikkunsidra;

Illi, wara li ġie premess dana li ntqal fuq, jingħad ukoll, in linea preliminari, illi l-attriċi, milli jidher mill-mistoqsijiet li għamlet lix-xhieda u milli esponiet fid-dikjarazzjoni, fuq il-presuppost li Lucrezio u Francesco aħwa Mizzi kienu jammettu l-fatt li rċevew il-flus li ommhom u missierhom fit-testment tagħhom riedu li minnhom jiġu mputati għall-kwota ereditarja tagħhom, trid issostni li la darba bejn il-kontendenti diġà saru xi diviżjonijiet parzjali ta' parti mill-oġġetti jew ħwejjeġ li kienu jaqgħu fil-massa ereditarja in bażi għat-testment talġenituri tagħhom, huma, bħala li ħadu parti f'dawn il-qasmiet parzjali, ġew akkwetaw ruħhom għat-testment fuq imsemmi u l-lum ma jistgħux iġibu 'l-quddiem l-oppożizzjoni għall-kollazzjoni mill-parti tagħhom tas-somom li skond ittavoli testamentarji suppost li għandhom ireġġgħu lura filmassa ereditarja in diviżjoni;

Illi huwa minnu li dottrinalment hu prinċipju li t-testment huwa dak li jissejjaħ "un tutto inscindibile", u fih hemm konċett ta' indiviżibilità, b'mod li in teżi ġenerali jista' jingħad li, darba li tiġi rikonoxxuta l-effikaċja ta' parti, f'dak irrikonoxximent hemm l-obligu ta' l-adempiment ta' l-intier; imma meta jiġi kunsidrat li vera u proprja eżekuzzjoni ma jistax ikun hemm mingħajr fatt pożitiv, konkret u ċert, ta' rikonoxximent tal-volontà testamentarja, di fronti għall-innumerevoli u varjanti każi in konkreto fil-ħajja ta' kuljum, ilkwistjoni jekk kienx hemm jew ma kienx hemm akkwijexxenza pożitiva, li timplika vera u proprja eżekuzzjoni fis-sens ġuridiku tal-kelma, hija, skond is-singoli każi pratiċi, imħollija mill-istess dottrina u liġi lill-ġudikant; u fid-dubju, peress li r-rinunzji tad-drittijiet ma jippreżumux ruħhom, l-akkwijexxenza għandha allura tiġi eskluża;

Illi fuq l-iskorta ta' dawna l-prinċipji, dwar il-kwistjoni fuq imsemmija jingħad illi l-inazzjoni u s-skiet dwar jaċċettawx jew le l-kollazzjoni mposta l-konvenuti Lucrezio u Francesco aħwa Mizza, mal-qari tat-testment........... Il-fatt li fil-kors ta' dawk id-diviżjonijiet parzjali l-kontendenti ftehmu li jħallu mpreġudikata dik il-kwistjoni........ juri fatt li għandu l-fattezzi-bażi materjalment ta' dak li legalment jassumi

akkordju ta' kważi-kuntratt, milli jidher aċċettat mill-interessati kollha;

Mill-banda l-oħra jingħad, in tema ta' ġustizzja, jew aħjar il-prinċipji li jirregolawha, illi, kieku ma kienx hekk, fl-ipotesi li l-ġenituri ħadu żball dwar il-kollazzjoni mposta, dak il-fatt materjali tad-diviżjonijiet parzjali jkun elevat b'mod tali li jittradixxi l-ġustizzja naturali, u fl-istess ħin jiġi ritenut minnu dak li fil-fatt ma jkunx minnu—ħaġa li ċertament, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti ,hija kundannabili, il-għaliex, bla ombra ta' inċertezzi, mhix u ma tistax tkun a bażi tal-prinċipji ta' ekwità, li fuqhom huwa poġġut l-istitut tal-kollazzjoni. Del resto, dwar id-dispożizzjoni li fuqha qegħdin nitkellmu ma jirriżultax—dwar iż-żewġ kwerelanti—li huma taw eżekuzzjoni tagħha, jew inizjaw l-eżekuzzjoni tagħha; u jekk l-istess kontendenti għoġobhom jagħtu eżekuzzjoni għat-testment biċċa biċċa, bl-intelliġenza li l-kollazzjoni ta' Lucrezio u Francesco aħwa Mizzi tibqa' kwistjoni miftuħa għall-quddiem, dana l-fatt, almenu jekk mhux għall-ħaġ'oħra, ħlief għall-prinċipju li r-rinunzi tad-drittijiet ma jippreżumux ruħhom, għandu jġib dubju dwar il-fehma ta' akkwijexxenza ntegrali tat-testment fis-sens ta' akkwijexxenza għal kwalunkwe u kull singola dispożizzjoni; u fil-fehma ta' din il-Qorti għalhekk il-kwistjoni għandha tibqa' miftuħa u eskluża dwar l-akkwijexxenza;

Illi, stabbilit dana l-fatt, nażaminaw separatament, għarraġunijiet li ntqalu fuq, id-difiżi għall-esklużżjoni ta' Francesco u Lucrezio aħwa Mizzi;

Illi dwar id-difiża ta' Francesco Mizzi jingħad illi, għalkemm il-lum sostni li huwa ma għandux jagħti dawk il-flus. skond ix-xhud Emmanuele Mizzi jidher...........;

Illi minn dana li għidna, kwindi, Franġisku Mizzi għandu jkun tenut għal dik il-kollazzjoni; u xejn ma jservih li ma riedx, wara dawn l-ammissjonijiet u rikonoxximent, iħallas, meta ra li ħuh Lucrezio kien oppost għall-pagament tal-£100 li huwa kellu skond it-testment jikkollazzjona;

Ikkunsidrat;

Illi dwar il-kollazzjoni mposta lil Lucrezio Mizzi jingħad li dana, skond ix-xhud Paolo Corrado...........;

*Omissis;*

Illi kwindi anki Lukrezio Mizzi. fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, għandu jikkollazzjona l-£100 li ħa sabiex jixtri t-tieni karrozza li xtara;

Tikkunsidra;

Illi għar-raġuni fuq esposta, u li titnissel mill-verbal magħmul mill-partijiet fil-25 ta' Mejju 1942, l-assijiet tal-ġenituri tal-kontendenti ma humiex sejrin jiġu likwidati separatament, anzi sejrin jiġu kunsidrati bħala ħaġa waħda;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi, prevja l-approvazzjoni tar-relazzjoni peritali, l-ewwelnett billi tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mogħtija mill-konvenut Lucrezio sive Grazio Mizzi dwar il-kollazzjoni ta' £100 lilu mposta fit-testment tal-ġenituri tiegħu, bl-ispejjeż ta' dan il-pont kontra tiegħu; it-tieninett tiddikjara li tant Francesco kemm Lucrezio aħwa Mizzi huma tenuti għall-kollazzjoni mposta lilhom fit-testment tal-ġenituri tagħhom, bl-ispejjeż ta' dina d-dikjarazzjoni nofs kull wieħed bejniethom; u t-tieletnett tiddikjara li in vista tal-verbal magħmul mill-kontendenti kollha fis-seduta tal-25 ta' Mejju 1942, ma hemmx lok għall-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti tal-ġenituri tal-kontendenti; u fl-aħħarnett (1) tillikwida ż-żewġ assijiet partikulari bħala assi wieħed, skond il-fehma tal-partijiet, billi tgħid li dwar id-deheb, fidda.........; (2) dwar l-assi immobiljari tal-ġenituri tal-kontendenti.........; (3) tiddikjara li oltre dana hemm in-natura, u li jidħlu fl-assijiet imsemmija, il-fondi u porzjonijiet ta' fondi msemmija fil-paragrafu XXVII tar-relazzjoni peritali, li ma humiex komodament u bla diskapitu diviżibili, u li dina l-Qorti tordna li jinbiegħu in liċitazzjoni.........; (4) tinnomina għall-pubblikazzjoni ta' l-att.........;

L-ispejjeż li ma ġewx maqtugħa jitħallsu mill-kontendenti kollha fil-proporzjoni tar-rispettivi kwoti ta' l-interess tagħhom.